

FLIMKIEN GĦAS-SAĦĦA MENTALI FUQ IX-XOGĦOL



Aġenzija Ewropea
għas-Sigurtà u s-Saħħa
fuq il-Post tax-Xogħol



Postijiet tax-Xogħol li Jgħibu 'l Quddiem is-Saħħa Premjijiet għall-Prattika Tajba 2026-2028

Kriterji tal-Għażla

Il-Premjijiet għall-Prattika Tajba 2026–28 (GPA) jenfasizzaw prattiki eżemplari u innovattivi li ġew implimentati minn organizzazzjonijiet ta' kull daqs fl-UE u fil-pajjiżi tal-EFTA biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw ir-riskji psikosoċjali fil-post tax-xogħol.

Lesta/a biex tapplika?

Kun żgur li tilħaq il-kriterji elenkati hawn taħt.

Is-sottomissjoni tal-organizzazzjoni tiegħek trid turi eżempji konkreti ta' inizjattivi u prattiki li ġew implimentati biex jipprevjenu u jimmaniġġjaw ir-riskji psikosoċjali fil-post tax-xogħol.

Għalhekk, il-Punti Fokali Nazzjonali se jevalwaw l-applikazzjoni tiegħek billi jieħdu in konsiderazzjoni l-kriterji li ġejjin:

- kif l-evalwazzjoni **tar-riskju** ġie organizzat u mwettqa għall-gruppi kollha ta' ħaddiema;
- **kif il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom kienu involuti fil-proċess;**
- kif l-approċċ **jipprijoritizza** t-teħid ta' **approċċi sistematiċi biex jiġu eliminati u evitati r-riskji psikosoċjali fil-livell organizzazzjonali**, u l-appoġġ individwali bħala l-aħħar alternattiva;
- kif il-miżuri implimentati **naqqsu b'mod sinifikanti l-esponiment** tal-ħaddiema għal dawn ir-riskji, u tejbu l-kultura organizzazzjonali ġenerali;
- kif l-**approċċ ġie integrat fl-approċċ usa' tas-saħħa u s-sigurtà tal-organizzazzjoni**, u ġie inkorporat fl-organizzazzjoni kollha u fl-istruttura ġerarkika tagħha;
- x'kien ir-**rwol tal-maniġers u tal-mexxejja tat-timijiet** fil-proċess;
- Kif tqajmet is-**sensibilizzazzjoni u ġie promoss ambjent tax-xogħol psikosoċjali tajjeb;**
- kif il-ħaddiema ġew **imħarrġa u appoġġati** fir-rigward tar-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali.

Aspetti addizzjonali li jżidu l-valur tal-applikazzjoni tiegħek:

- sottomissjonijiet li juru kif jitqiesu r-**rabtiet bejn ir-riskji fiżiċi u psikosoċjali** u s-saħħa tal-ħaddiema;
- **kif**, sfidi usa' ta' saħħa mentali, **mhux biss li jirriżultaw mill-post tax-xogħol, ġew ikkunsidrati flimkien mal-approċċ preventiv sistematiku**;
- kif ġiet imrawma **kultura inklużiva fuq il-post tax-xogħol** billi tħaddnu d-differenzi individwali u ġew akkomodati ħtiġijiet speċifiċi, li ppermettew lill-ħaddiema kollha jikkontribwixxu b'mod sinifikanti u jirnexxu;
- **approċċi innovattivi** li juru ideat ġodda u miżuri biex jipprevjenu riskji psikosoċjali u jippromwovu ambjent tax-xogħol tajjeb.

Teħtieġ aktar tagħrif?

- Iščekkja l-iskadenzi tal-pajjiż tiegħek hawn.
- Għandek aktar mistoqsijiet? Iščekkja l-[Mistoqsijiet Frekwenti](#) tagħna.
- Għal aktar dettalji u gwida, [ikkuntattja lill-Punt Fokali nazzjonali](#) tiegħek.